

**Uffiċjali ta' kollegament tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar (SAIs) tat-28 Stat Membru tal-UE u l-Qorti Ewropea tal-Awdituri (ECA) ltaqgħu f'Riga, il-Latvja, fis-7 ta' April 2016**

L-iskop prinċipali ta' din il-laqgħa kien it-tnejja tal-laqgħa li jmiss tal-Kumitat ta' Kuntatt, li din is-sena se ssir fi Bratislava fl-20-21 ta' Ottubru 2016 u li se tiffoka fuq il-Politika tal-UE dwar l-Enerġija u l-Klima. L-uffiċjali ta' kollegament iddiskutew żviluppi u attivitajiet ġodda li għandhom jitqiesu mill-Kumitat ta' Kuntatt, kif ukoll rapporti ppreżentati mill-gruppi ta' ħidma tiegħu. Huma indirizzaw ukoll kwistjonijiet ta' organizzazzjoni u ta' governanza li huma relatati max-xogħol ta' kuljum tal-Kumitat.

Fis-6 ta' April 2016, l-uffiċjali ta' kollegament tan-Netwerk tas-SAIs ta' Pajjiżi Kandidati u Pajjiżi Potenzjalment Kandidati tal-UE ltaqgħu biex jiddiskutu r-reviżjoni u l-implimentazzjoni tal-pjan ta' ħidma tan-Netwerk għall-2016 u għas-snin li ġejjin.



Riga, is-7 ta' April 2016